**IKLIN**

## MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NRU 55 – IT-TNEJN 11 TA' OTTUBRU 2010

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

Il-Kunsillier Joseph Camilleri kien skużat minn qabel milli jattendi għal din il-laqgħa.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.

1.1. Qabel ma' bdiet il-laqgħa, il-Kunsillier Margaret Zammit għamlet referenza għal item 2335 tal-"Incoming Mail" tal-laqgħa ta' qabel, ie. Nru 54. Hi qalet li din l-ittra ma' kienitx inkluż f'paragrafu 5. (Materji Konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar) fil-Minuti tal-laqgħa Nru. 54.

Is-Segretarju irrispondiha li din ma' setgħet tidher qatt taħt dan il-paragrafu tal-Minuti Nru. 5 għaliex din kienet korrispondenza biss li ma' tidher qatt hemmhekk.

1.2 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru erba' u ħamsin (54) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.3 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju

Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

## 2 KORRISPONDENZA.

2.2 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn it-22 ta' Settembru u l-11 ta' Ottubru 2010.

2.3 Il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 2472/10. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali ħareġ Memo dwar attivitajiet li għandhom isiru mill-Kunsilli Lokali bejn id-19 u l-21 ta' f'Novembru dwar ġbir ta' fondi b'risq il-Community Chest Fund.

2.4 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 2506/10. Din kienet 'reminder' mill-Kunsill Malti għal-Isports jistaqsi meta l-Kunsill Lokali tagħna sejjer jibda l-korse "After School Programme" għat-tfal ta' l-Iskola Primarja ta' Ħal-Lija.

2.5 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru.2507/10. Kitbilna resident dwar ħajt li qiegħed fi stat perikoluz fi Triq Ġuże' Ellul Mercer maġenb il-kamra ta' l-Enemalta. Il-Kunsill diġa ħa passi u kiteb minnufih lill-Periti tal-Kunsill li marru fuq il-post u għandhom jagħmlu r-rakomandazzjonijiet tagħhom.

2.6 Il-Kunsillier Ronald Cauchi staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 2572/10. Dwar ilment li qed jgħaddu ħafna vetturi goffi minn Triq Erin Serracino Inglott. Il-Kunsill Lokali sejjer jitlob lill-Authorized Officer biex jieħu passi u jibgħat il-Wardens biex jinfurzaw it-tabelli "tal-Heavy Vehicles".

Doc. A u B anness

## 3 ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn l-22 ta' Settembru u l-11 ta' Ottubru 2010, kif tidher annessa bħala dokument C.

3.2 Rigward ilment Nru. 22/09-1 dwar rapport li ta' spiss ħiereġ ilma bis-sapun minn block "Mayflower" u li dan qed iħammeġ it-triq. Il-Kunsill sejjer jikteb lis-sid biex jieqaf jagħmel dan.

3.3 Dwar rapport 27/09-2 li hemm karozza maħruqa fi Triq l-Awrikajra; il-Kunsill sejjer jinvestiga u jieħu passi.

3.4 Dwar ilment Nru. 27/09-3 li kull meta tagħmel ix-xita jżomm l-ilma fi Triq Dun Karm ħdejn il-bankina tal-Lottu. Il-Kunsill ħa nota biex din titranġa aktar il-quddiem.

3.5 Dwar ilment 27/09-4 li kull meta tagħmel ix-xita qed ifur id-drenaġġ fil-garaxxijiet tar-residenti ta' Triq Ċensu Bugeja. Il-Kunsil huwa konxju ta' din il-problema u dan l-aħħar kiteb lil-Ministru tal-Finanzi u liċ-Chairman tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar din il-problema serja, speċjalment dwar l-iġjene, saħħa u ambjent.

3.6 Dwar talba 29/09-1 biex is-sid tal-Banka tal-Lottu jinħarġila permess biex tipparkja fi Triq Dun Karm fir-"Reserved Parking" ta' quddiemha. Il-Kunsill ħarġila dan il-permess.

3.7 Dwar talba Nru. 131951 biex jitneħħa bracket bil-wires tad-dawl fuq il-faċċata tiegħu peress li qed jidħollu l-ilma. Il-Kunsill barra li bagħat rapport lill-Enemalta,ċempel lil-foreman u dan kellu jmur fuq il-post.

3.8 Dwar talba Nru. 01/10-1 biex titranġa l-bankina tal-parti fejn hemm ir-Right Deal, Gallarija Darmanin u xi djar oħra. Il-Kunsill Lokali sejjer jagħmel applikazzjoni taħt l-iskema "Lokalitajiet Sostenibbli" biex iġib fondi biex jagħmel it-triq kollha bit-tarmac, bankini u parking management aħjar minn Triq Naxxar (ħdejn l-Orjenta) sa' Triq Dun Karm kantuniera ma' Triq Ċensu Busuttil.

3.9 Dwar ilment Nru. 04/10-2 dwar ammont ta' karozzi għall-bejgħ li reġa' hemm fi Triq Ġużeppi Calleja u Triq Dun Karm. Il-Kunsill sejjer jerġa jinforma lill-Pulizija u Gwardjani Lokali biex jieħdu passi.

3.10 Rigward talba 05/10-1 biex isir "double-Yellow line" fi Triq Prinjol c/w Triq ir-Razzett L-Ahmar peress li qed jipparkjaw vetturi fuq żewġ naħat tat-triq. Il-Kunsill sejjer jikkunsidra din it-talba.

3.11 Rigward talba Nru. 06/10-1 biex terġa ssir il-mera ħdejn il-borehole ta' l-ilma fi Triq ir-Razzett L-Aħmar. Il-Kunsill qed jerġa jikkunsidra din it-talba.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat C.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

4.3 Is-Segretarju ressaq ir-Rendikont ta' Jum L-Omm 2010

li ġie moqri mis-Sindku. Dan kien qed juri bilanċ ta' €128.00 li ħareġ il-Kunsill għal din l-attivita'.
Dan ġie approvat mill-Kunsilliera kollha.
Doc. D anness

4.4 Is-Segretarju ressaq ukoll offerta mingħand Diaries J D Ltd għax-xiri tad-diaries tal-Kunsill.
Is-Sindku Anthony Dalli ippropona li għal din is-sena nixtru biss 30 kopja.
Rigward it-Tent Calendars huwa ippropona li dawn għandhom jerġgħu isiru għas-sena 2011. Dejjem nimxu mal-proċeduri.
Kulħadd qabel.

## 5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.

5.1 Il-Kunsilliera Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 03432/06. Soft Stone Quarry No. 13. Tat-Tabib. Biex jaqleb din il-barriera għal-ħażna fil-miftuħ, tisbieħ ta' l-art ta' madwar' u terġa 'ssir art għal-biedja. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi approvata.

5.3 Dwar PA 03147/09. 109, ICC, Triq Geronimo Abos. Tibdil fl-użu minn garaxx għall-ħanut tal-bejgħ ta' Computers, tiswijiet u approvazzjoni ta' twaħħil ta' tabella, u approvazzjoni tal-garaxx kif inbena. L-applikazzjoni ġiet rifjutata.

5.4 Dwar PA 03034/09. Plot 3, Villa Oleander, Iklin Valley. Biex jiġu approvati t-tibdil ta' ġewwa u barra fuq il-permess eżistenti tal-Bungalow, bil-garaxx semi-basement u swimming-pool. L-applikazzjoni qed terġa tiġi kkunsidrata.

5.5 Dwar PA05268/08. Sit ħdejn tat-Tabib. Titjib fl-ambjent, li jinkludi pool u ħajt madwaru reservoir ġor-razzett u approvazzjoni tal-ħitan eżistenti. L-applikazzjoni ġiet rifjutata.

5.6 Dwar PA 01129/10. Casa Ramoann, Triq Geronimo Abos. Ħtt tad-dar eżistenti, bini ta' erba' postijiet residenzjali, tlett garaxxijiet u ħanut. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.7 Dwar PA 01760/09. Majjorkin, Triq il-Klin. Bdil ta' parti tal-garaxx għal ħanut taż-żebgħa u twaħħil ta' tabella. Biex

jinżamm parti mill-garaxx għall-vetturi privati. L-applikazzjoni ġiet imwarrba. Id-deċizjoni oriġinali tibqa.

5.8 Dwar PA 05206/09. Sit fi Triq Ħarruba c/w Triq il-Wied. Bini ta' Bungalow. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi approvata.

5.9 Dwar PA 03444/09. The Model Shop, Triq Geronimo Abos c/w Triq Dun Karm. Permess biex jinbeda l-proċess ta' bini żgħir ġewwa fis-sular eżistenti t'isfel.Tibdil fl-użu minn residenzjali għal kummerċjali fl-ewwel sular u biex jingħaqdu ma' l-uffiċċju fl-ewwel sular. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.10 Dwar PA 01990/08. Bitmac Ltd, Ix-Xwieki, L/O Iklin. Kien qed jiġi propost biex tiġi estiża l-impjant tal 'expanded polystyrene. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.11 Dwar PA 00334/10. Sit fi Triq Patri Marjanu Vella c/w Triq Censu Busuttil. Titjib fl-iskema tal-parkeġġ u traffic management. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi approvata.

5.12 Kien hemm applikazzjonijiet ġodda:

a) PA 00952/10/ Biex isir tibdil bil-bungalow eżistenti billi jinbnew żewġ ti kmamar fuq wara u approvazzjoni ta' swimming-pool ġewwa. Mandolina, Triq il-Wied.
b) PA 03007/10 Biex tinbena swimming-pool. Sit fi Triq Gharghur.
c) PA 03801/10. Proposta biex jitla' bini "multi-purpose" . Sit Triq Patri Anastasju Cuschieri.
d) PA 03468/10. BIex jiġġedded permess PA 3003/04. Kostruzzjoni ta' ħajt madwar u rixtellu. Sit fi Sqaq Giarda.
e) PA 03469/10. Tibdil ta' PA 4514/09. 77, Faraġ, Triq Stefano Erardi.
f) PA 04000/10. Bini ta' kamra tal-ħasil fuq, Żieda fuq applikazzjoni approvata PA 1504/04. Sit fi Triq il-Wied.

5.13 Il-Konsulent tekniku tagħna talab lill-Kunsill biex nagħmlu oġġezzjoni fuq dawn l-applikazzjonijiet:
Applikazzjoni Nru. PA 03469/10. 77, Farag, Triq Stefano Erardi.

## 6. ĠUDIKAZZJONI TENDER 3/10. KISI BIT-TARMAC TRIQ FREDERICK BORG U TRIQ ĦWAWAR TAĦT L-ISKEMA TA' PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP.

6.1 Is-Sindku Anthony Dalli ħabbar lill-Kunsill Lokali kien irċieva dawn il-kwotazzjonijiet meta infetħu t-tenders:

a. Vella Group Ltd. €93,891.25
b. Road Servcing Ltd €71,775.95
c. Polidano Bros. Ltd €84,567.31
d. Silas Joint Venture
Asfaltar Ltd/Schembri
Infrastructure Ltd €82,405.75
e) V & C Contractors Ltd €102,118.45
f) Bonnici Bros Ltd. €72,956.50

6.2 Il-Kunsill Lokali kien tal-fehma li jintgħażel l-irħas wieħed, f'dan il-kaz dak ta' Road Servicing Ltd. Peress li dan ix-Xogħol kellu jitħallas 50% mid- Dipartiment tal-Gvern Lokali taħt l-iskema ta' " Public Private Partnership" kellna nikkonsultaw wkoll mad-Dipartiment.

6.3 Is-Sindku Anthony Dalli ikkonferma li d-Dipartiment approva din l-offerta b'email datata is-27 ta' Settembru 2010 fejn qabel mal-Kunsill dwar l-għażla tal-Kuntrattur.

6.4 Għaldaqstant is-Segretarju sejjer jinforma lil-kumpanija b'din id-deċizjoni.

**7. ĠUDIKAZZJONI TAT-TENDER 2/10. MANUTENZJONI U KOSTRUZZJONI TA' BANKINI.**

7.1 Is-Sindku Anthony Dalli ħabbar li l-Kunsill Lokali kien irċieva dawn il-kwotazzjonijiet meta infetħu t-tenders:
a. Robert Micallef. €34,351.58
b. Road Maintenance Services Ltd €22,145.50
c. Catbros Ltd €45,234.00
d. Sean Micallef €34,994.25
e. Dimbros Ltd. €28,307.64

7.2 Peress li l-prezzijiet mitfugħa kienu jvarjaw ħafna, il-Kunsill iddeċieda li jitlob il-Contract Manager tal-Kunsill jagħmel evalwazzjoni u jiġġudika dwar l-offerti mitfugħa.

7.3 Fid-9 ta' Settembru 2010 il-Periti kitbu li huma kienu raw ir-rati kollha. Kienu qed jaqblu mal-Kunsill Lokali li xi wħud minnhom kien baxxi wisq u l-prezz tal-materjali ma' kienx iħalli profitt fuq dawn ir-rati. Huma sejrin jikkunsidraw rati li kienu raġonevoli, li kienu dawk ta' Robert Micallef li jidher l-ewwel fuq il-lista u kienu qed jirrakomandaw li l-offerta tingħata lilu.

7.4 Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali iddeċieda li jimxi fuq dan il-parir teknikuu jagħti t-tender lis-Sur Robert Micallef.

7.5 Is-Segretarju sejjer jikteb lis-Sur Micallef biex jinfurmah b'din id-deċizjoni.

## 8. QUARTERLY FINANCIAL REPORT APRIL – ĠUNJU 2010.

8.1 Is-Segretarju ħabbar li l-Accountant tal-Kunsill kien jinsab imsiefer u għaldaqstant ma' setgħax jkun preżenti għal din il-laqgħa.

## 9. ATTIVITAJIET TAL-MILIED.

9.1 Is-Sindku Anthony Dalli reġa ikkonferma l-attivitajiet tal-Milied li kienu ġew imħabbar fil-laqgħa l-oħra taħt paragrafu No. 8. Kollox qed jiġi ippjanat skond il-programm.

## 10. XOGĦLIJIET TA' TOROQ U BANKINI – ALLOKAZZJONI FINANZJARJA.

10.1 Is-Sur Anthony Dalli irrefera għax-xogħlijiet ta' kisi bit-tarmac u bankini li saru din is-sena. Dawn kienu:

| | |
|---|---|
| a. Sqaq Ġarda (parti) | €7,601 |
| b. Triq Geronimo Abos (parti) | €40,403 |
| c. Triq il-Muzika (parti) | €4,913 |
| d. Triq Erin S. Inglott (parti) | €5,152 |
| e. Triq Patri Anastasju Cuschieri (Bankini) | €11,625 |
| f. Triq Ġuze Pesci (Bankini) | €15,654 |
| g. Pjazza Ninu Cremona (Bankina ) | €4,000 |
| h. Triq Frederick Borg (20% pagament) | €5,065 |
| i. Triq Ħwawar (20% pagament) | €8,282 |
| Total | €102,555 |

Is-somma allokati mid-Dipartiment għal dan l-iskop matul is-sena 2010 kienet ta' €75,807. Jiġifieri il-Kunsill għamel b'kemm jiswew €26,748 aktar xogħol milli kien mitlub.

10.2 Għal din ir-raġuni il-Kunsill Lokali sejjer jikteb lid-Dipartiment biex dan l-ammont ta' €26,748 tiġi mnaqqsa mis-somma allokata għal dawn l-funzjonijiet għas-sena finanzjarja 2011. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

## 11. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.

11.1 Is-Sur Dalli beda biex ippropona li tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lill-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari għad-Djalogu u Informazzjoni tax-xogħol siewi li għamel dawn l-aħħar snin partikolarment għall-Kunsilli Lokali.
Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

11.2 Is-Sindku qal li kien akkwista għamara tajba għal-Lija/Iklin Football Youth Nursery li kienet sejra titpoġġa fil-kamra tan-Nursery fil-Ground ta' Hal-Lija. Din kienet ser tiġi trasportata b'għajnuna tal-Kunsill Lokali Iklin.
Kulħadd qabel li din kienet sejra tkun għajnuna kbira ghan-Nursery.

11.3 Hu ħabbar li r-reġistrazzjoni għal-Vaccine issa kienet għalqet. Din s-sena bħal m'għamilna s-sena l-oħra sejrin nużaw is-servizz kemm tal-MMDNA kif ukoll ta' ditta privata. Dan għaliex in-Nurse tal-MMDNA tiġi biss filgħodu. Għaldaqstant wara nofs in-nhar ikollna ningaġġaw bi ħlas is-servizzi ta' Nurse privata mid-ditta Novitas.

11.4 Is-Sur Dalli irrefera għall-Memo 117/2010 li kienet skema biex il-Kunsill seta' jakkwista fondi taħt il-"Framework for Sustainable Cities".
Il-proġett li kellu maħsub kien biex isir pjan ta' żvilupp f'dik il-parti ta' barra bejn Naxxar Road fejn hemm il-Bring-In -Site u tibqa'sejra d-dawra kollha ta' Triq Dun Karm sa kantuniera ma' Triq Censu Busuttil.
Il-proġett kien jikkonsista billi ssir it-triq kollha mill-ġdid, bankini, tarmac u maniġġjar aħjar tal-parkeġġ.
Wara li kulħadd qabel ma' din il-proposta, il-Kunsill sejjer jissottometti applikazzjoni għal fondi meħtieġa.

11.5 Is-Sindku kellu stedina biex jattendi għal-konferenza tal-"Committee of the Regions" li sejra issir f'Hotel ġewwa San Giljan nhar il-Ġimgħa 15 ta' Ottubru.
Huwa ikkonferma li kien sejjer jattendi din il-laqgħa importanti u għalhekk talab lis-Segretarju biex jagħmel ir-reġistrazzjoni meħtieġa.

11.6 Is-Sur Dalli fl-aħħar irrefera għat-tender tal-Knis li kien sejjer jiskadi fil-16 ta' Diċembru 2010. Huwa semma l-aktar kundizzjonijiet importanti tat-tender eżistenti.

11.7 Saret diskussjoni dwar il-kundizzjonijiet u fl-aħħar kulħadd qabel. Għaldaqstant is-Sur Dalli talab lis-Segretarju biex jibda l-proċess għall-ħruġ tat-tender.

## 12 AĠĠORNAMENT

12.1 Il-Kunsillier Ronnie Cauchi għamel l-intervent tiegħu u fakkar li nhar il-Ħadd 17 ta' Ottubru kien ġej il-Blood Bank Mobile Unit fi Pjazza Ninu Cremona. Hu talab lill-Kunsill Lokali biex jirriserva l-parkeġġ quddiem il-ħwienet billi jagħmel l-avviżi tan-"No Parking".
Semma ukoll li hemm bżonn isir xi ħaġa fit-triq fejn

joqgħod hu, Triq Ġwann Mamo, peress li qed jkun ħafna taħwid. Forsi il-Kunsill jista' jagħmel il-Parking-Bays.

12.2 Peress li ma' kienx hemm iżjed x'niddiskutu, l-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-6.45pm u kien hemm ftehim li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 25 ta' Ottubru 2010 fil-5.30pm.

12.3 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn 25 ta' Ottubru 2010 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Anthony Dalli** | **Alfred Naudi** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |